MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 867/2001/1

**John Formosa, Saviour Formosa, Doris mart Ronald Brincat ahwa Formosa u Maria Rosaria sive Lucy mart l-istess John Formosa, Giorgina mart Saviour Formosa u Ronald Brincat ghal kull interess li jista' ikollhom u b'digriet tat-13 ta' Novembru 2001, il-gudizzju gie trasfuz f'isem ta' Anne-Marie mart Emanuel Baldacchino, Jacqueline mart Michael Formosa, Monica mart Philip Vella u Alexander Formosa sabiex ikomplu l-kawza minflok Maria Rosaria sive Lucy Formosa li mietet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Lawrence Formosa**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

1.1 Dan hu appell ad istanza ta’ l-atturi li fih qed tintalab ir-revoka tad-“deċiżjoni” tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta’ April 2007, u l-konferma tad-deċiżjoni anterjuri tas-16 ta’ Jannar 2007.

**Citazzjoni u eccezzjonijiet:**

1.2 Għall-intendiment aħjar ta’ dan l-appell, ikun utli li jiġu riportati l-premessi u t-talbiet ta’ l-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenut:

Ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi tghid hekk:-
"Peress illi b'kuntratt in atti Nutar Joseph Raymond Grech tat-28 ta' Dicembru 1963, kien deher il-konvenut u akkwista b'enfitewsi temporanja ghal mitejn (200) sena d-dar numru disgha (9), triq Ghar il-Lembi, Sliema, versu c-cens annwu u temporanju ta' mija u sitta u ghoxrin lira (Lm126), liema koncessjoni enfitewtika bdiet tiddekorri mid-data ta' l-imsemmi att.

"Peress illi ghalkemm il-konvenut kien deher fuq l-imsemmi att ta' akkkwist f'ismu proprju kien fil-fatt agixxa bhala mandatarju "prestanome" ghan-nom u fl-interess ta' missieru u missier l-atturi u cioe` Francis Formosa u martu Angela Formosa (in vista tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn l-istess konjugi) tant li (a) il-prezz ta' l-akkwist u l-ispejjez ta' l-att thallsu mill-imsemmi Francis Formosa; (b) l-imsemmi Francis Formosa kien sussegwentement waqqa' 'l fuq imsemmija dar u bena fuq l-istess sit terran u tmien (8) il-appartament bi flusu; u (c) l-introjtu derivanti minn dawn l-appartamenti kien jigi percepit mill-imsemmija genituri tal-kontendenti Francis u Angela konjugi Formosa stante illi din kienet proprjeta` taghhom;

"Peress illi l-kontendenti flimkien ma' ohthom Pauline Formosa li mietet xebba fis-17 ta' Marzu 1992, kienu u huma l-unici wlied ta' l-imsemmija Francis u Angela konjugi Formosa li mietu rispettivament fit-22 ta' Novembru 1988, u fit-22 ta' Lulju 1998, u inoltre l-

kontendenti huma l-unici werrieta ta' Francis u Angela konjugi Formosa u ta' Pauline Formosa f'ishma indaqs bejniethom;

"Peress illi wara l-mewt ta' missier il-kontendenti din il-proprjeta` dejjem giet ikkunsidrata mill-kontendenti bhala proprjeta` tal-familja kollha tant illi (a) tul dawn l-ahhar snin, bejniethom komplew jikkostruwixxu sitt (6) appartamenti ohra fuq dak li diga` kien hemm mibni; (b) sa recentement l-attrici Doris Brincat flimkien mal-mejta ohtha Pauline kienet tiehu hsieb l-arredament u t-tindif ta' l-istess appartamenti; (b) l-allokazzjoni tal-linji tat-telefon ta' l-appartamenti kienu fuq uhud mill-atturi u cioe` John Formosa u Saviour Formosa.

"Peress illi l-konvenuti rrikonoxxa li l-imsemmi proprjeta` jappartjeni lill-kontendenti kollha f'ishma indaqs bejniethom tant illi bi skrittura tal-5 ta' Gunju 1992 (kopja annessa bhala Dok A) huma ftehmu li jaqsmu l-appartamenti, liema qasma, minkejja miftiehma ghadha sal-gurnata tal-lum mhux effetwata;

"Peress illi l-konvenut issa qed jippretendi illi l-proprjeta` in kwistjoni u cioe` l-fondi kollha mibnija fuq fejn qabel kien hemm id-dar numru 9, Ghar il-Lembi Street, Sliema, hija proprjeta` esklussiva tieghu u qed jirrifjuta jersaq ghall-att pubbliku relatltiv biex il-proprjeta` in kwistjoni tigi assenjata lill-kontendenti f'ishma indaqs bejniethom;

"Jghid ghalhekk il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghalxiex din il-Qorti ma ghandhiex:-

"1. Tiddikjara illi ghalkemm fuq l-att tan-Nutar Joseph Raymond Grech tat-28 ta' Dicembru 1963, li permezz tieghu giet akkwistata b'enfitewsi temporanja ghal mitejn (200) sena d-dar numru disgha (9), Triq Ghar il-Lembi, Sliema kien deher il-konvenut Lawrence Formosa f'ismu proprja kien fil-fatt akkwista l-imsemmi mmobbli bhala mandatarju "prestanome" ghan-nom u fl-interess ta' missieru u missier l-atturi u cioe` Francis Formosa u martu Angela Formosa;

"2. Tiddikjara illi l-kontendenti huma proprjetarji komuni tal-proprjeta` mibnija fejn qabel kien hemm il-fond 9, Triq Ghar il-Lembi, Sliema, u bl-appartamenti sovra stanti versu c-cens annwu u temporanju ta' Lm126 ghal mitejn sena li bdew jiddekorru mit-28 ta' Dicembru 1963, hawn fuq imsemmija f'ishma indaqs bejniethom;

"3. Tordna l-konvenut jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att relattiv biex jassenja u jittrasferixxi kwart (¼) indiviz ta' l-imsemmija proprjeta` lil kull wiehed u wahda mill-atturi;

"4. Tinnomina nutar biex jircievi u jippubblika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

"Bl-ispejjez kontra l-konvenut Lawrence Formosa li minn issa qed jigi ingunt ghas-subizzjoni. B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lill-attur."

In-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tghid hekk:
"1. Preliminarjament, kull dritt li l-atturi setghu qatt kellhom li jimpunjaw il-kuntratt li ghalih hemm referenza fl-ewwel premess tac-citazzjoni hu preskritt skond kif jiddisponi l-Artikolu 1224 u l-Artikoli 2140 u/jew 2143 tal-Kodici Civili;

"2. Indipendentement minn dan, fl-ipotesi suggerita mill-atturi, anke jekk vera, l-azzjoni kompetenti lilhom kellha tkun dik tad-danni u interessi u mhux ta' l-ezekuzzjoni effettiva jew ahjar ta' koercizzjoni specifika billi "*nemo potest precise cogi ad factum*";

"3. Preliminarjament ukoll, l-atturi Maria Rosaria sive Lucy Formosa, Giorgina Formosa u Ronald Brincat m'ghandhom ebda interess fil-kawza u l-esponenti ghandu, ghalhekk, jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront taghhom bi spejjez kontra taghhom;

"4. Illi bla hsara ghall-premess u fil-meritu, il-pretensjoni ta' l-atturi hi, fil-fatt, ghal kollox infondata u inveritiera billi l-

esponenti akkwista l-fond meritu ta' din il-kawza *in nome proprio* u bi flusu.

"Salv jekk ikun il-kaz eccezzjonijiet ulterjuri."

**<u>Verbal tad-9 ta’ Novembru 2006:</u>**

1.3 Fl-udjenza tal-Qorti tad-9 ta’ Novembru 2006, id-difensur tal-konvenut, Dr (illum Magistrat) Anthony Ellul ivverbalizza hekk:

“Dr Ellul għall-konvenut jiddikjara li ġialadarba l-atturi iddikjaraw li ma ħallsux successjoni fuq il-fond mertu tal-kawża u li qegħdin jgħidu li għandhom sehem minn dan il-fond mill-wirt tal-ġenituri, dawn il-proceduri odjerni ma setgħux isiru in vista ta’ l-Artikolu 63 ta’ l-Att Dwar it-taxxa tad-Dokumenti Kap 294[1] liema provvediment huwa ta’ ordni pubbliku. Għalhekk din l-eccezzjoni apparti l-fatt li tista’ tiġi sollevata fi kwalsiasi stadju tal-proceduri hija ukoll sollevabbli *ex officio* mill-Qorti u l-konvenut jitlob li jingħata provvediment f’ dan ir-rigward”.

1.4 Id-difensur ta’ l-atturi, Dr Edward Debono wiegeb hekk:

“Dr Debono jagħmel referenza għall-eccezzjonijiet a fol 22 tal-process mogħtija fit-18 ta’ Ġunju 2001 fejn jirriżulta li l-ebda eccezzjoni ma ġiet mogħtija f’dan is-sens mill-konvenut u għalhekk f’dan l-istadju oltre li jrid jitlob permess tal-Qorti skond il-liġi biex jagħti eccezzjoni ulterjuri ma jistax jagħti l-istess eccezzjoni stante li din hija eccezzjoni preliminari li messha ngħatat fl-istat bikri tal-kawża, oltre l-fatt illi l-kawża si tratta mhux fuq qsim ta’ eredita` imma dikjarazzjoni li propjeta` intestata f’isem sid wieħed effettivament ġiet mixtrija f’isem l-aħwa kollha kif kien l-istil ta’ negozju li kienu jagħmlu l-aħwa Formosa flimkien ma’ missierhom u għalhekk ma jagħmilx sens li ssir denunzja ta’ propjeta` li għadha intestata f’ isem persuna ħajja qabel ma l-istess Qorti tiddikjara li dik il-

[1] Il-Kapitolu ġie erronjament indikat bħala Kap 294 meta fil-fatt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenta huwa Kap 364

propjeta` hija ta’ l-aħwa Formosa kollha u għalhekk it-talba tal-konvenut għandha tiġi miċħuda f’dan l-istadju u f’kull stadju ulterjuri ukoll minħabba l-fatt illi l-atturi issa għalqu l-provi tagħhom u l-konvenut ma jistax fl-istadju tal-provi tiegħu jagħmel eccezzjoni oħra li ma ġietx dibattuta u li provi fuqha ma nġabux u m jistgħux jinġiebu f’ dan l-istadju.”

**<u>Il-"Provvediment" tal-Qorti tas-16 ta’ Jannar 2007</u>**

2. Il-kawża ġiet differita għas-16 ta’ Jannar 2007 “għall-provvediment” u l-Qorti b’ referenza għall-verbal precedenti ddecidiet hekk,

“Il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 63 tal-Kapitolu 364 l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti illi fil-fatt jipprovdi dwar din l-eccezzjoni li tqajmet mill-konvenut. Il-Qorti tirreferi pero` għas-subartikolu (4) ta’ dan l-Artikolu 63 li jipprovdi illi: “Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment causa mortis relattiv” u tara għalhekk illi effettivament id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 63 ma japplikawx għall-każ odjern peress li għaddew ferm aktar minn għaxar snin minn meta mietu l-ġenituri tal-partijiet u dana peress illi Francis Formosa miet fit-22 ta’ Novembru 1988 u Angela Formosa mietet fit-22 ta’ Lulju 1988.

Għalhekk una volta l-Artikolu 63 tal-Kap 364 mhuwiex applikabbli għall-każ odjern, il-Qorti tiċħad din l-eccezzjoni imqajma mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawża.”

**<u>Ir-rikors tal-konvenut biex il-Qorti tirrevoka "*contrario imperio*" d-digriet mogħti minnha a tenur ta’ l-Artikolu 229(4) tal-Kap 12.</u>**

3. In segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti li biha caħdet l-eccezzjoni imqajma mill-konvenut, il-konvenut Lawrence Formosa ipprezenta rikors fejn irrileva li kien evidenti li l-Qorti ħadet żball in kwantu Angela Formosa mietet fit-22 ta’ Lulju **1998** u mhux **1988**, allura m’għaddewx għaxar snin mill-mewt ta’ Angela Formosa. Għalhekk talab lill-

Qorti sabiex tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha u tirrevoka "*contrario imperio*" d-digriet mogħti minnha a tenur ta' l-Artikolu 229(4) tal-Kap 12.

**<u>Id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' April 2007</u>**

Il-Qorti ta' l-ewwel grad fit-3 ta' April 2007 iddecidiet hekk, "Il-Qorti

Reġgħet rat ir-rikors.

Rat id-digriet tagħha precedenti u r-risposta ta' John Formosa.

Peress li r-rikorrenti għandu raġun, il-Qorti tilqa' t-talba u tirrevoka "contrario imperio" d-digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2007.

Illum, 3 ta' April 2007"

**<u>Rikors ta' l-atturi tat-12 ta' April 2007</u>**

4. L-atturi hassew ruħhom aggravati b'dak li gie deciz mill-ewwel Qorti fit-3 ta' April 2007, u għalhekk fit-12 ta' April 2007, talbu lill-Qorti tagħtihom permess sabiex jappellaw mid-digriet tagħha tat-3 ta' April 2007, *ai termini* ta' l-Artikolu 229(3) tal-Kap 12. Il-Qorti laqgħet it-talba fis-6 ta' Ġunju 2007.

**<u>Rikors ta' l-Appell ta' l-atturi:</u>**

5 L-aggravji ta' l-atturi huma dawn li gejjin:

● <u>Sentenza mhux digriet</u>

5.1 Il-verbal tad-9 ta' Novembru 2006 ma kienx jikkostitwixxi eccezzjoni tal-konvenut, iżda jirrigwarda l-kwistjoni jekk il-konvenut f'dak l-istadju setax jissolleva l-eccezzjoni ulterjuri. Id-deċiżjoni mogħtija fis-16 ta' Jannar 2007, hija min-natura tagħha sentenza u mhux digriet għax iddisponiet minn eccezzjoni u b'hekk iddecidiet parti mill-mertu tal-kawża.

Ladarba id-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007, ma kinitx digriet ma setgħetx tiġi revokata mill-istess Qorti *contrario imperio*. Id-deċiżjoni kienet sentenza preliminari li minnha seta' jsir biss appell b'rikors fil-Qorti ta' l-Appell wara li jintalab (b'rikors ieħor) u jingħata permess specjali minn din l-Onorabbli Qorti biex isir appell *ai termini* ta' l-Artikolu 229(3) tal-Kap 12.

● Digriet ingħata "in camera" u mhux fis-seduta

5.2 *Dato ma non concesso* li d-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007, kienet tammonta ghal digriet u mhux ghal sentenza, dan id-digriet ma ngħatax skond id-dettami ta' l-Artikolu 229(5) tal-Kap 12 għaliex ingħata "*in camera*" u mhux f'seduta bil-miftuħ.

● Id-dikjarazzjoni *causa mortis*:

5.3 Fil-mument li mietu l-ġenituri tal-kontendenti fil-konfront ta' terzi ma' kien hemm ebda trasferiment "*causa mortis*". Għalhekk għal dak li jirrigwarda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ma kien hemm l-ebda necessita` li ssir dikjarazzjoni *causa mortis*. Ma jagħmilx sens li l-atturi jiddenunzjaw din il-proprjeta` meta l-istess konvenut qed jikkontesta li huwa kien mandatarju *prestanome* ta' missier l-atturi u meta f'każ ta' eżitu favorevoli irid isir l-att ta' trasferiment u titħallas it-taxxa relattiva.

● Dwar missier l-atturi

5.4 Missier l-atturi miet aktar minn għaxar snin minn meta ġiet intavolata l-kawża u għalhekk dak li ġie deċiż in konfront tal-missier huwa korrett.

●Dwar omm l-atturi

5.5 Fil-konfront ta' omm il-kontendenti, ma kienx obbligu tal-mandant jew is-successuri tiegħu li jiddenunzjaw il-proprjeta` in kwistjoni peress li kif jistipula l-Artikolu 1871A (5) u (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-obbligu ta' dan

huwa tal-mandatarju stante li huwa għandu jittrasferixxi l-proprjeta` lill-werrieta tal-mandanti "…salv dawk il-jeddijiet tal-ħlas għad-drittijiet u spejjeż pendenti skond il-liġi".

●Dwar l-obbligi fiducjarji

5.6 L-obbligi fiducjarji kif stabbiliti mil-liġi huma dawk kif jirriżulta mill-Artikolu 1124A tal-Kap 16 u l-fiducjarju huwa marbut, oltre affarijiet oħra, li jeżercita d-diliġenza ta' *bonus paterfamilias* fit-twettiq ta' l-obbligazzjonijiet tiegħu, li jżomm kull proprjeta` li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala fiducjarju segregata mill-proprjeta` personali tiegħu u li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjeta` miżmuma taħt l-obbligazzjonijiet fiducjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xorta meħtieġa mil-liġi applikabbli. Illi għalhekk l-obbligu, jekk jeżisti, biex tiġi denunzjata l-propjeta` in kwistjoni huwa tal-mandatarju prestanome kif jirriżulta mill-istess liġi.

● Dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut

6. L-eccezzjoni fiha nfisha, mogħtija ħames snin wara li bdiet il-kawża u wara li l-atturi għalqu l-provi tagħhom, ma turix *bona fede* min-naħa tal-konvenut, u dan aktar u aktar meta l-proprjeta` għadha sa llum mhux f'idejn l-atturi u l-pussess da parti tagħhom tal-proprjeta` qed jiġi kkontestat mill-istess mandatarju konvenut.

Talba ghar-revoka

7. In vista ta' dawn l-aggravji l-atturi qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti fit-3 ta' April 2007, u tikkonferma d-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Jannar, 2006.

**Ir-risposta ta' l-Appell tal-konvenut Lawrence Formosa**

8. Il-konvenut, fir-risposta ta' l-appell tiegħu jirrileva li l-appell interpost mill-atturi għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet segwenti:

(I) Bil-verbal tad-9 ta’ Novembru 2006, ġie rilevat lill-ewwel Qorti li din kellha *ex ufficio* tordna l-waqfien tal-proceduri sakemm l-atturi jottemperaw ruħhom ma’ l-Artikolu 63 tal-Kap. 364.

(II) Id-deċiżjoni tal-Qorti tas-16 ta’ Jannar 2007, kien digriet interlokutorju għaliex ma jiddeterminax il-mertu tal-kawża. Mir-rikors ta’ l-appell jirriżulta car li l-atturi qed jappellaw mid-digriet ta’ l-ewwel Qorti tat-3 ta’ April 2007 li rrevoka “*contrario imperio*” digriet precedenti ta’ l-ewwel Qorti.

(III) L-atturi jsostnu li l-appell qed isir *ai termini* ta’ l-Artikolu 229(3) tal-Kap. 12. Għalhekk skond ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-atturi dawn qed jappellaw minn digriet li rrevoka *contrario imperio* digriet precedenti *ai termini* ta’ l-Artikolu 229(3) tal-Kap 12. Issir pero` referenza għall-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap 12 li jipprovdi li appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba gal revoka jew emenda ta’ digriet jista’ jsir biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti:</u>**

9. B'verbal tad-9 ta’ Novembru 2006, wara d-dikjarazzjoni da parti ta’ l-atturi li huma ma ħallsux successjoni fuq il-fond mertu tal-kawża, il-konvenut irrefera għall-Artikolu 63 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, li jipprovdi hekk:

(1) Ebda persuna li hi marbuta li tagħmel dikjarazzjoni jew li ddaħħal avviż dwar trasferiment *causa mortis* dwar trasferiment taxxabbli jew li għandha tħallas it-taxxa skond xi disposiżżjonijiet ta’ dan l-Att ma tista’, wara li jgħaddi ż-żmien għall-għemil ta’ dik id-dikjarazzjoni jew avviż tibda’ jew tmexxi procedimenti legali, jew tagħmel xi talba f’ xi dipartiment tal-Gvern, dwar xi proprjeta` li għandha tidħol f’ dik id-dikjarazzjoni jew avviż jekk ma jiġix muri li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret kif imiss u tinkludi l-proprjeta` li għaliha jirreferu l-procedimenti jew it-talba.

(2) In-nuqqas tal-prova li d-dikjarazzjoni jew avviż tkun saret jista’ jiġi eccepit mill-partijiet f’ kull stadju tal-procedimenti legali, u f’ kull każ għandu jitqajjem mill-Qorti *ex officio*. Il-procedimenti legali għandhom imbagħad jitwaqqfu minnufih u ma jistgħux jitkomplew qabel ma jiġi rimedjat in-nuqqas mill-persuna responsabbli għalih jew minn xi persuna oħra interessata.

(3) Fil-każijiet imsemmijin f’dan l-artikolu, il-Qorti għandha tagħti kull direttiva meħtieġa sabiex il-proprjeta` li tkun l-oġġett tal-procedimenti legali ma ġġarrab ebda preġudizzju.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma jgħoddux wara li jgħaddu għaxar snin mit-trasferiment *causa mortis* relattiv.

10.1 Il-konvenut accenna għall-fatt li l-eccezzjoni tista’ tiġi sollevata f’ kwalsiasi stadju tal-proceduri u hija sollevabbli ukoll *ex officio*, u talab li jingħata provvediment f’dan ir-rigward. L-atturi, min-naħa tagħhom opponew li l-konvenut jagħmel eccezzjoni f’dan l-istadju u l-kawża tħalliet “għall-provvediment”.

10.2 Fis-16 ta’ Jannar 2007, il-Qorti ta' l-ewwel grad, wara li rreferiet għas-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 63 in kwistjoni, u wara li qieset li missier il-partijiet miet fit-22 ta’ Novembru 1988, u omm il-partijiet mietet fit-22 ta’ Lulju 1988, iddecidiet li l-Artikolu 63 mhux applikabbli għall-każ odjern u konsegwentement <u>caħdet l-eccezzjoni</u> imqajma mill-konvenut.

10.3 Fit-3 ta’ April 2007, l-istess Qorti, in vista tal-fatt <u>li kienet ħadet żball fid-data tal-mewt ta’ omm il-partijiet</u> fis-sens li hija kienet mietet fl-1998 u mhux fl-1988, tat digriet ieħor li permezz tiegħu rrevokat *contrario imperio* d-deciżjoni tagħha tas-16 ta’ Jannar 2007.

10.4 L-atturi appellaw minn din id-deciżjoni u talbu lill-Qorti tannulla dak li gie deciz minnha fit-3 ta' April 2007, u tikkonferma d-deciżjoni tagħha tas-16 ta’ Jannar 2007.

11.1 Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji ta' l-atturi appellanti din il-Qorti tħoss li jkun proceduralment opportun li qabel xejn tinvesti l-aħħar punt li tqajjem mill-konvenut fir-risposta ta' l-appell tiegħu. Dan jagħmel referenza għall-Artikolu 229(1)(k) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi appell minn digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet jista' jsir biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza u ma jistax jiġi kontestat qabel ma tingħata s-sentenza definittiva.

11.2 L-atturi, fir-rikors tagħhom, spjegaw kif l-ewwel qorti kienet tathom permess biex jappellaw mid-digriet tagħha tat-3 ta' April 2007, *ai termini* ta' l-Artikolu 229(3). Pero` minn eżami ta' dan l-Artikolu jidher li dan ma japplikax għad-digriet tat-3 ta' April 2007, għaliex digriet simili jaqa' taħt l-Artikolu 229(1)(k) u l-Artikolu 229(3) ma jikkoncernax digrieti li jaqgħu taħt l-Artikolu 229(1)[2].

Il-fatt li dan l-appell sar qabel is-sentenza definittiva ifisser li ma sarx skond il-liġi u għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu ghaliex huwa appell irritwali u kwindi ghandu jigi michud.

A skans ta' kull ekwivoku, din il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva illi l-effett tar-revoka *contrario imperio* tad-digriet tas-16 ta' Jannar 2007, ifisser illi issa ma jeżisti l-ebda provvediment dwar l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar l-applikabilita` o meno ta' l-Artikolu 63 tal-Kap. 364 fil-kaz prezenti jigifieri fil-konfront ta' l-eccezzjoni in kwantu din tirrigwarda d-data tal-mewt ta' Angela Formosa. In vista tal-fatt li Angela Formosa mietet inqas minn għaxar snin qabel ma nfetħet il-kawża, jidher ghalhekk opportun li terġa' tiġi kkunsidrata l-eccezzjoni in kwistjoni u jingħata "de novo" provvediment relattiv dwarha.

---

[2] Art 229(3) "Ħlief kif provdut specifikatament mod ieħor f' dan il-Kodici, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor **li mhux inkluż fis-sub-artikoli (1) u (2)** jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess specjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b' rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-Qorti….

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddikjara l-appell ta' l-atturi irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu, u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghal fini tal-kontinwazzjoni tal-kawza skond il-ligi.

L-ispejjeż ta' dana l-appell jitħallsu mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------